**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Magistrate Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha, 30 ta' April 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 25/2020BS**

**AA**

**vs**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AA illi ppremetta:**

1. Illi l-partijiet izzewgu lil xulxin fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex u li kopja tac-certifikat taz-zwieg qed tigi annessa bhala Dokument 'A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied CC u DD illi t-tnejn illum huma maggorenni u li twieldu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) rispettivament;

3. Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' snin. Difatti huma separati in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech fid-disa' u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dokument 'B'.

Dan il-kuntratt kien sar wara li gie awtorizzat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, permezz ta' digriet tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013);

4. Illi l-esponenti jixtieq li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien moghti lilu ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn l-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ta' BB illi eccepiet:**

Illi din ir-risposta qed issir ghar-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-23 ta' Novembru 2020 fejn l-istess rikorrent qed jitlob id-divorzju taz-zwieg kontrattat bejnu u bejn BB.

Illi hija tiddikjara illi di principju l-esponenti m'ghandha xejn kontra u ma topponix it-talba sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn ir-rikorrent u BB;

Madanakollu l-esponenti tissottometti li hija m'ghandha tbaghti l-ebda spejjez konnessi ma' dan il-proceduri, in kwantu hija m'ghandha l-ebda interess biex jigi ottjenut tali divorzju u in kwantu r-rikorrenti setgha ghamel semplici rikors, mhux rikors guramentat.

Ghaldaqstant, f'kaz li t-talba rikorrenti tigi milqugha, ir-rikorrenti ghandu jigi kundannat biex ihallas l-ispejjez kollha relatati ma' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet ukoll l-atti minn fejn jirrizulta b'mod ċar li l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni tad-disa' u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech.

Illi l-partijiet ilhom ferm aktar minn erba' snin separati u dan minbarra li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li l-partijiet jirrikonċiljaw u li ma tezisti l-ebda pendenza u hlasijiet dovuti lil xulxin. Jirrizulta ghalhekk illi gew soddisfatti l-kundizzjonijiet mehtiega sabiex il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

**Decide.**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet ta' l-attur, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez ta' dan il-procediment.

Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

Dorianne Cordina
Deputat Registratur